
esplora®

10 YEARS ANNIVERSARY

IL-PROGRAMM EDUKATTIV

2026–2027



GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR JUSTICE,
RESEARCH AND INNOVATION

XJENZA MALTA

Quality assured
VISITOR ATTRACTION
MALTA TOURISM AUTHORITY



IL-PROGRAMM EDUKATTIV 2026–2027

IL-WERREJ

4 Informazzjoni Dwar Iż-Żjara

6 X'hemm Ġdid F'esplora?

12 Little Esploras Activity Space - The Maltese Wildlife Puppet Show

14 The Mini Science Theatre - Qatra Qatra

16 The Esplora Science Theatre - Science On Fire

18 The Esplora Workshop Room

- 18 Colour Splash
- 20 Digit Diggers

22 Serje ta' Workshops *Unlocking STEAM*

- 23 Unlocking AI
- 24 Unlocking Pharma
- 25 Unlocking Chemistry

26 Planetarium Live Experience and Films

33 STEAM Connect

34 Workshops Speċjalizzati

36 Esplora Lill Hinn


41 Esperjenza ta' Teambuilding f'Esplora

42 Il-Kard ta' Sħubija għall-Edukaturi ta' Esplora

43 EsploraShop

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻJARA

Hawnhekk hawn dak kollu li għandek bżonn tkun taf qabel ma tibbukkja żjara edukattiva fiċ-Ċentru Interattiv tax-Xjenza Esplora.



IL-ĦINIJIET TAL-FTUĦ

MIT-TNEJN SAL-ĠIMGĦA:
9:00 a.m.–3:00 p.m.

TMIEM IL-ĠIMGĦA U FESTI PUBBLIĊI:
10:00 a.m.–5:00 p.m.

IL-PREZZIJIET

€6.00 għal kull student.

- Kull klassi bbukkjata tinkludi sa 4 edukaturi jew adulti superviżuri b'xejn.
- Edukaturi jew adulti superviżuri addizzjonali jridu jħallsu €12.00 kull wieħed, li jeħtieġ jitħallsu mal-wasla tagħhom fiċ-ċentru.
- Il-prezzijiet tal-biljetti jistgħu jvarjaw għal attivitajiet u avvenimenti speċjali.

X'TINKLUDI ŻJARA EDUKATTIVA?

Nirrakkomandaw li tiġi ppjanata żjara ta' mill-inqas tliet sigħat, tipikament mid-9.30 a.m. san-12.30 p.m. **Kull klassi bbukkjata tirċievi:**

- Żjara awtogwidata ta' Esplora li tiggwida l-grupp fil-galleriji tal-esibizzjonijiet magħżula;
- Attività edukattiva waħda bbukkjata;
- Waqfa ta' 30 minuta għall-ikel.

KIF TIBBUKKJA

Qabel ma jibbukkjaw, l-edukaturi huma ġentilment mitluba jżuru l-website ta' Esplora u jirreferu għat-Termini u l-Kundizzjonijiet taż-Żjarat tal-Iskejjel t'Esplora.

EMAIL:
bookings@esplora.org.mt

TELEFOWN:
23602300

IL-PROGRAMM EDUKATTIV 2026–2027

TRASPORT B'XEJN

L-iskejjel tal-Istat jistgħu jibbenefikaw minn trasport b'xejn lejn Esplora, grazzi għall-appoġġ tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport.

Biex jagħmlu użu minn dan is-servizz, l-iskejjel tal-Istat huma meħtieġa jimlew il-formola tat-trasport b'xejn ipprovduta mill-Bookings Team ta' Esplora u jibagħtuha lill-uffiċċju tal-koordinazzjoni tat-trasport fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport fuq l-indirizzi elettroniċi **beatrice.mizzi@gov.mt** u **schooltransport.educserv@gov.mt.**

Esplora jiffaċilita l-aċċess għal dan is-servizz billi jipprovdi l-formola meħtieġa u jassisti lill-iskejjel fil-proċess inizjali. Madankollu, l-arranġamenti tat-trasport huma kkoordinati mit-tim ta' koordinazzjoni tat-trasport fil-Ministeru u mhux minn Esplora.

Għal assistenza relatata mat-trasport fil-jum taż-żjara, l-iskejjel huma ġentilment mitluba jċemplu n-numru tal-fornitur tat-trasport mogħti fl-email ta' konferma tat-trasport jew fl-uffiċċju tal-koordinazzjoni tat-trasport billi jċemplu fuq 25981886.

IR-ROTOT TA' ESPLORA

Iż-żjarat edukattivi f'Esplora issa huma mfassla bħala esperjenzi awtogwidati. Dan ifisser li kull grupp ta' skola jsegwi rotta ppjanata b'mod indipendenti matul iż-żjara.

Kull rotta ta' Esplora hija pjanata bir-reqqa sabiex il-klassi tiegħi ikollha żjara b'mod strutturat u pjaċevoli. Ir-rotta tinkludi għażla ta' galleriji ta' esibizzjonijiet, li se jkunu riżervati għall-klassi tiegħek matul il-ħin allokat, flimkien mal-ħinijiet u l-postijiet tal-attività edukattiva li tkun ibbukkjata, u l-waqfa għall-ikel.

Ir-rotta hija akkumpanjata minn mappa ta' Esplora biex tgħinek issib kull post tal-binja. Esplora huwa sit kbir u, bħala bini storiku, xi kultant jista' jkun xi ftit diffiċli biex tinnaviga. Madankollu, l-istaff tagħna se jkun preżenti madwar Esplora matul iż-żjara tiegħek u se jkun lest jiggwidak fi triqtek, jappoġġja l-involviment tiegħek fix-xjenza, u jgħinek kull fejn meħtieġ.

X'HEMM ĠDID F'ESPLORA?

SCIENCE ON A SPHERE

Science on a Sphere hija waħda mill-aktar għodod b'saħħithom ta' Esplora għall-esplorazzjoni tal-pjaneta tagħna u lil hinn minnha. Aktar minn sempliċement esebit, tista' tintuża mill-edukaturi bħala riżorsa ta' tagħlim viżwali matul żjara fl-iskola, u tgħin biex issaħħaħ lezzjonijiet, diskussjonijiet gwidati u sessjonijiet iffaċilitati.

Din l-isfera ta' sitt piedi tista' tipproġetta datasets dinamiċi fuq il-wiċċ tagħha, li jippermettu lill-istudenti josservaw id-Dinja u korpi ċelestjali oħra b'mod tassew attraenti. Is-sistema tagħti aċċess għal firxa wiesgħa ta' datasets, inklużi xi wħud li jużaw data live, jew kważi live, minn satelliti li bħalissa qed iduru madwar id-Dinja.


L-edukaturi jistgħu jużaw *Science on a Sphere* biex jesploraw il-kontinenti, il-pajjiżi, is-sistemi tat-temp, ix-xejriet tat-terremoti, it-temperaturi tal-wiċċ tal-baħar, il-kurrenti tal-oċeani u t-tibdil fil-klima maż-żmien. Xi datasets juru wkoll il-migrazzjoni tal-annimali bl-użu ta' GPS tracking, konnessjonijiet globali u saħansitra pjaneti u qmura magħżula.

Dan l-ispazju huwa partikolarment utli għall-istudenti ta' Year 7 'il fuq li jistudjaw suġġetti relatati mal-ġeografija, ix-xjenza tad-Dinja, l-istudji ambjentali, it-tibdil fil-klima, l-istudji soċjali u x-xjenza tal-Ispazju. L-għalliema jistgħu jużawh biex jintroduċu suġġett, jgħinu lill-istudenti jivviżwalizzaw proċessi globali kumplessi li huma diffiċli biex jintwerew f'ambjent tradizzjonali tal-klassi.

L-iskejjel interessati li jżuru Science on a Sphere huma ġentilment mitluba javżaw lill-bookings officer ta' Esplora meta jippjanaw iż-żjara tagħhom. F'dati magħżula, huwa possibbli wkoll li tiġi bbukkjata sessjoni f'din il-kamra fejn membru tal-istaff ta' Esplora jkun disponibbli biex itella' datasets relatati mas-suġġett li jkun qed jiġi diskuss. Dan jippermetti lill-edukaturi jużaw l-isfera bħala parti mil-lezzjoni tagħhom stess jew sessjoni ffaċilitata mal-grupp tagħhom.

Għal lista ta' datasets u linji gwida disponibbli dwar kif tista' tintuża Science on a Sphere, ġentilment żur www.esplora.org.mt/sos.

ADATTAT GĦAL:
L-ETAJIET KOLLHA



DRAW ALIVE

Din l-esibizzjoni ġdida tippermetti lill-istudenti jaraw il-kreazzjonijiet tagħhom stess jieħdu l-ħajja. Bl-użu ta' templates lesti, l-istudenti jistgħu jpinġu jew jagħtu l-kulur lid-disinji tagħhom, jiskennjawhom fis-sistema, u jaraw kif it-tpinġija tagħhom jidher bħala animazzjoni diġitali tiċċaqlaq fuq l-iskrin, immarkata b'isimhom stess.

L-esperjenza tħallat il-kreattività, it-teknoloġija u r-rakkontar ta' stejjer viżivi, u b'hekk tagħmilha għodda utli għall-edukaturi li jixtiequ jsaħħu l-lezzjonijiet permezz ta' attività interattiva u memorabbli. Tista' tintuża biex tħeġġeġ il-kreattività, l-osservazzjoni, id-diskussjoni u l-espressjoni personali, filwaqt li torbot ukoll ma' temi differenti tal-kurrikulu skont is-setting magħżul.

Hemm 15-il tema disponibbli. L-edukaturi jistgħu jitkellmu mal-istaff ta' Esplora jekk jixtiequ jagħżlu tema partikolari biex jikkomplementaw suġġett tal-klassi jew il-fokus taż-żjara.

NATURA U ANNIMALI

- In-Naħal
- L-Akkwarju tal-Ħajja tal-Baħar
- L-Ilma Ħelu
- Is-Safari
- Il-Ġungla
- L-Annimali tar-Razzett
- Il-Foresta Alpina

AVVENTURA U FANTASIJA

- Id-Dinja tal-Fantasija
- Id-Dinosawri
- L-Ispazju
- Ir-Robots
- Winter Wonderland

TRASPORTAZZJONI

- Il-Vetturi
- L-Ajruport
- Il-Ferroviji

Draw Alive hija speċjalment adattata biex issaħħaħ suġġetti relatati mal-annimali, il-ħabitats, l-ambjenti, it-trasport, l-Ispazju, ir-rakkontar tal-istejjer, il-kreattività diġitali u d-disinn. Dan jagħti lill-istudenti iżgħar fl-età l-opportunità li jikkontribwixxu b'mod attiv għall-esperjenza, billi jittrasformaw it-tpinġijiet tagħhom f'parti minn dinja animata li jieħdu sehem fiha huma wkoll.

ADATTAT GĦAL:
L-ETAJIET KOLLHA



SITT MAGNI VJAĠĠ WIEĦED

Din il-wirja ġdida mibnija apposta fil-gallerija tal-Inġinerija tintroduċi lill-istudenti għas-sitt magni sempliċi li jiffurmaw il-bażi ta' ħafna mekkaniżmi: il-lieva, ir-rota u l-fus, it-taljola, il-pjan inklinat, il-kamin u l-feles. Billi jinteraġixxu mar-*Rube Goldberg Machine*, l-istudenti jagħtu bidu għal reazzjoni katina u jaraw dawn il-prinċipji tal-inġinerija fl-azzjoni.

L-edukaturi jistgħu jużaw din l-esibizzjoni biex isaħħu suġġetti bħall-kawża u l-effett, il-forzi, it-trasferiment tal-enerġija, il-moviment u s-soluzzjoni tal-problemi. Tipprovdi wkoll rabta eċċellenti mal-klassi, fejn l-istudenti jistgħu jiġu mħeġġa jiddisinjaw u jibnu l-magna Rube Goldberg tagħhom stess billi jużaw materjali sempliċi u mekkaniżmi ta' kuljum.



ADATTAT GĦAL:
L-ETAJIET KOLLHA

SELFIE

L-esebit *Selfie* tistieden lill-istudenti biex jesploraw prompts differenti tal-IA għall-ġenerazzjoni ta' stampi u jaraw kif jistgħu jidhru bħala gwerriera, pop stars, atleti u aktar. Din l-esperjenza divertenti tista' twassal għal konverżazzjonijiet ta' siwi dwar l-identità, l-aspirazzjonijiet għall-karriera, l-għanijiet tal-ħajja, l-immaġni tal-ġisem, is-saħħa mentali, u r-rwol dejjem jikber tal-IA ġenerattiva fil-ħajja ta' kuljum.

Għall-edukaturi, din l-esibizzjoni tista' tintuża bħala punt tat-tluq għal diskussjonijiet dwar kif jinħolqu l-istampi, kif l-għodod diġitali jinfluwenzaw il-mod kif naraw lilna nfusna, u x'mistoqsijiet etiċi jinqalgħu meta tintuża l-IA. Jistgħu jiġu esplorati wkoll suġġetti bħall-privatezza tad-data, il-kunsens, ir-rappreżentanza u l-użu responsabbli tat-teknoloġija.

Ġentilment kun af li l-istampi kollha huma maħżuna b'mod sigur b'aċċess ristrett u jitħassru fuq bażi regolari.



ADATTAT GĦAL:
L-ETAJIET KOLLHA

PANORAMA

L-esegit *Panorama* tippermetti lill-istudenti jużaw prompts ġenerattivi tal-IA biex jittrasformaw xeni panoramiċi ta' Malta f'pajsaġġi uniċi u immaġinattivi. Permezz ta' movimenti sempliċi b'idejhom, l-istudenti jistgħu jaqilbu bejn xeni lokali differenti, jagħżlu prompts tal-IA u jiġġeneraw stampi ġodda. Il-prompts jistgħu wkoll ikunu f'saffi, u allura jagħmlu kull riżultat differenti.

Din l-esibizzjoni toffri lill-edukaturi mod kreattiv biex jintroduċu diskussjonijiet dwar il-pajsaġġ li qed jinbidel ta' Malta, l-iżvilupp urban, it-teknoloġija, is-sostenibbiltà u l-ambjent mibni. Tista' ssaħħaħ ukoll konverżazzjonijiet dwar kif l-IA tista' tintuża biex nimmaġinaw futuri possibbli, filwaqt li tħeġġeġ lill-istudenti jaħsbu b'mod kritiku dwar l-opportunitajiet u l-isfidi tal-IA ġenerattiva.



ADATTAT GĦAL:
L-ETAJIET KOLLHA

BEEHIVE GALLERY

Il-Beehive Gallery se toffri lill-istudenti opportunità unika biex josservaw id-dinja affaxxinanti tan-naħal Malti mill-qrib. Dan id-doqqajs ta' osservazzjoni permanenti nbena apposta għal Esplora u jippermetti lill-istudenti, lill-għalliema u lill-viżitaturi jesploraw il-ħidma fuq ġewwa tal-kolonja tan-naħal ħajja b'mod sikur u attraenti.

Ladarba jkun stabbilit, id-doqqajs jipprovdi għodda siewja ta' tagħlim għall-esplorazzjoni ta' suġġetti bħad-dakkir, il-bijodiversità, l-ekosistemi, il-produzzjoni tal-ikel, l-imġiba tal-annimali u l-importanza tal-ispeċijiet lokali.

Id-doqqajs ta' osservazzjoni se jinkludi naħat trasparenti, li jippermettu lill-istudenti josservaw b'mod direct tipi differenti ta' naħal u r-rwoli li jwettqu fil-kolonja. L-istudenti jistgħu jidentifikaw in-naħal ħaddiema, in-naħal maskili u, jekk jiflu bir-reqqa, saħansitra anke r-reġina tan-naħal.

Il-Beehive Gallery tista' ssaħħaħ it-tagħlim fil-klassi billi tgħin lill-edukaturi jiffaċilitaw diskussjonijiet dwar iċ-ċikli tal-ħajja, il-ħabitats, l-interdipendenza, il-konservazzjoni u r-rwol tal-pollinaturi fl-ambjent tagħna.



ADATTAT GĦAL:
L-ETAJIET KOLLHA

KREDITU GĦAR-RITRATT: TERRY CASELLI

PELICAN LIGHTS FOR ROAD SAFETY

Il-korsa tar-Roti ta' Esplora ġiet imtejba b'installazzjoni ta' sistema kompletament funzjonali ta' *Pelican Lights for Road Safety*. Il-marki tat-toroq bojod u l-kaxxa tad-dawl tat-traffiku huma mfassla biex jirriflettu karatteristiċi reali tas-sikurezza fit-toroq, u jgħinu lill-istudenti iżgħar fl-età jgħaqqdu l-esperjenza tal-logħob tagħhom mal-esperjenza tat-toroq fid-dinja reali.

Billi jagħfsu l-buttuni fuq kull naħa tal-korsa, l-istudenti jistgħu jibdlu d-dawl minn aħdar għal aħmar, sabiex jindikaw lis-sewwieqa tat-triċikli biex jieqfu ħalli l-persuni mexjin ikunu jistgħu jaqsmu b'mod sikur. Din l-esibizzjoni ssaħħaħ diskussjonijiet bikrija dwar is-sikurezza fit-toroq, ir-regoli, ir-responsabbiltà u l-attenzjoni ta' ħaddieħor.

Ir-riżorsi tal-edukazzjoni dwar is-sikurezza fit-toroq huma disponibbli fuq il-website ta' Transport Malta

ADATTAT GĦAL: TFAL LI GĦANDHOM SA 8 SNIN



MINIGOLF

L-esibizzjoni mfassla apposta ta' Esplora, *Minigolf*, tagħti lill-istudenti żgħar l-opportunità li jiżviluppaw *gross motor skills* filwaqt li jitgħallmu kif iżommu stikka tal-golf, jimmiraw u jmexxu l-ballun minn stazzjonijiet differenti.

L-esperjenza tirrakkonta wkoll storja xjentifika. Hekk kif il-ballun tal-golf jgħaddi minn kull stazzjon, sensor jattiva xena animata b'pupazzi li turi kif l-enerġija tinbidel minn forma għal oħra. L-istudenti jiġu introdotti għall-idea li l-enerġija tad-dawl mix-Xemx tinħażen bħala enerġija kimika fil-pjanti, tiġi trasferita lil ġisimna meta nieklu, u fl-aħħar tinbidel f'enerġija kinetika meta nxejru l-istikka tal-golf.

L-edukaturi jistgħu jużaw *Minigolf* biex isaħħu suġġetti relatati mal-moviment, l-enerġija, il-pjanti, l-ikel, il-muskoli, u l-kawża u l-effett, ilkoll permezz ta' esperjenza attiva u divertenti.

ADATTAT GĦAL: TFAL LI GĦANDHOM SA 8 SNIN



AIR FOUNTAIN

Waħda mill-aktar esibizzjonijiet viżwalment impressjonanti tagħna hija bla dubju l-*Air Fountain* il-ġdida, li ġiet installata fil-Gallerija tal-Moviment.

Din l-installazzjoni ta' STEAM, iddisinjata mill-artist Daniel Wurtzel, tuża partijiet imfassla b'reqqa biex toħloq fluss tal-arja li jiċċirkola b'mod tassew partikolari. Filwaqt li l-maġġorparti tal-esibizzjonijiet relatati mal-arja jwasslu biex il-biċċiet li jkunu qed jiċċaqalqu jiġu mbuttati 'l barra mill-fluss tal-arja, l-*Air Fountain* toħloq fluss ċirkolari li jżommhom fih, u b'hekk tippermetti moviment affaxxinanti u kontinwu 'l fuq fl-arja.

L-istudenti jistgħu jieħdu gost jaraw u jinteraġixxu mal-biċċiet li jiċċaqalqu, filwaqt li jorbtu wkoll l-esperjenza tagħhom tal-aerodinamika mal-esibizzjonijiet viċini *Aerofoil Lift* u *Forces of Flight*.

ADATTAT GĦAL: L-ETAJIET KOLLHA



LITTLE ESPLORAS ACTIVITY SPACE

THE MALTESE WILDLIFE PUPPET SHOW

XOW TAX-XJENZA INTERATTIVA

MINN KINDER 1 SAL-EWWEL SENA

30 MINUTA

MASSIMU TA' 25 PERSUNA

Esperjenza avventura bil-pupazzi li tintroduċi udjenzi żgħar fl-età għall-ħajja selvaġġa u protetta ta' Malta permezz tar-rakkontar ta' stejjer, ix-xjenza u l-immaġinazzjoni. It-tfal jiltaqgħu ma' sperm whale, monk seal, il-kamaleont Mediterranju, il-qanfud Alġerin u l-friefet il-lejl, filwaqt li jesploraw fejn jgħixu dawn l-annimali, kif jgħixu u għaliex jeħtieġu protezzjoni.

It-tfal se jgħinu biex jiggwidaw il-farfett il-lejl lura d-dar wara li jintilef, u tul il-vjaġġ jiltaqgħu ma' diversi annimali selvaġġi Maltin. Kull pupazz jintroduċi ħabitat ġdid, idea ta' adattament jew ta' konservazzjoni permezz ta' djalogu divertenti u mumenti interattivi qosra, inklużi logħob bil-ħoss, tfittxija ta' kuluri u l-identifikazzjoni ta' oġġetti sikuri jew perikoluż. L-esperjenza tgħaqqad ix-xjenza mar-rakkontar ta' stejjer, u tgħin lit-tfal żgħar joħolqu rabta emozzjonali mal-ħajja selvaġġa lokali, filwaqt li jitgħallmu li kull ħlejqa għandha l-post speċjali tagħha fin-natura.



L-OBJETTIVI TAL-ATTIVITÀ

Maltese Wildlife Puppet Show se:

- Tintroduċi lill-istudenti ż-żgħar għal uħud mill-annimali selvaġġi protetti ta' Malta permezz tar-rakkontar ta' stejjer u l-pupazzi;
- Tgħin lit-tfal jagħrfu annimali lokali differenti u fejn jgħixu, inklużi speċijiet tal-art, tal-baħar, u li jtiru;
- Tesplora kif l-annimali jużaw karatteristiċi speċjali biex jgħixu fil-ħabitats tagħhom;
- Tinkoraġġixxi l-kura, il-kurżità u l-empatija lejn il-ħajja selvaġġa u d-dinja naturali;
- Tqajjem kuxjenza dwar azzjonijiet sempliċi li jgħinu jipproteġu annimali lokali u l-ħabitats tagħhom.

RABTIET MAL-KISBIET MIT-TAGĦLIM FORMALI

L-istudenti se jesploraw il-ħajja selvaġġa lokali permezz tar-rakkontar ta' stejjer, l-osservazzjoni u l-interazzjoni. *Maltese Wildlife Puppet Show* tħeġġeġ lit-tfal jikkomunikaw l-ideat, jistaqsu mistoqsijiet, jikkollaboraw ma' oħrajn u jiżviluppaw il-kurżità u l-kura lejn ħlejjaq ħajjin. Issaħħaħ ukoll it-tagħlim bikri tax-xjenza billi tintroduċi karatteristiċi tal-annimali, ħabitats u d-differenzi bażiċi bejn affarijiet ħajjin u dawk mhux ħajjin.

LOs:

K1 & K2 · LEVELS 1 & 2

1.1.2 **1.1.5** **2.1.2** **2.2.1**
3.1.5 **3.2.3** **3.2.4** **4.4**
4.5 **4.6**

PRIMARY SCIENCE · Y1 & Y2

PLANTS & ANIMALS



IL-PROGRAMM EDUKATTIV 2026-2027

THE MINI SCIENCE THEATRE

QATRA QATRA

XOW TAX-XJENZA INTERATTIVA

MIR-RABA' SENA 'L FUQ

60 MINUTA

MASSIMU TA' 60 PERSUNA

L-ilma huwa essenzjali għall-ħajja, iżda minn fejn jiġi, u kif jilħaq il-viti tagħna? F'*Qatra Qatra*, l-udjenzi jsegwu l-vjaġġ ta' qatra waħda ta' ilma mis-sħaba sal-vit tal-ilma u lura. Tul il-vjaġġ, huma jesploraw iċ-ċiklu tal-ilma, id-disponibbiltà tal-ilma ħelu u r-relazzjoni ta' Malta mal-ġbir, il-ħżin u l-konservazzjoni tal-ilma.


Permezz ta' esperimenti, interazzjoni mal-udjenza u eżempji lokali, l-istudenti jiskopru li l-vjaġġ tal-ilma huwa ħafna akbar milli sempliċement tiftaħ vit. Ix-Xowl tgħaqqad l-użu tal-ilma fil-ħajja ta' kuljum mas-sistemi tad-Dinja, il-ġeografija ta' Malta u x-xjenza wara l-ġbir u l-protezzjoni ta' din ir-riżorsa prezzjuża. Hija partikolarment utili għal gruppi li jesploraw is-sostenibbiltà, iċ-ċiklu tal-ilma, ir-riżorsi naturali jew l-isfidi ambjentali ta' Malta.

GĦAJN

THE ENERGY & WATER AGENCY

Din il-wirja tax-xjenza hija appoġġjata mill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma. Il-parteċipanti kollha li jattendu għal din il-wirja jirċievu kit għall-iffrankar tal-ilma biex jieħduh magħhom id-dar*.

**sa ma jispiċċaw*



L-OBJETTIVI TAL-ATTIVITÀ

Qatra Qatra se tgħin lill-parteċipanti biex:

- Understand why water is essential for life;
- Trace the journey of a water drop from cloud to tap and back again;
- Explore the stages of the water cycle;
- Learn how the Maltese historically collected, stored and conserved water;
- Understand the process through which people obtain water.

RABTIET MAL-KISBIET MIT-TAGĦLIM FORMALI

L-istudenti se jesploraw l-ilma bħala riżorsa essenzjali, filwaqt li jgħaqqdu ideat xjentifiċi dwar iċ-ċiklu tal-ilma, il-bidliet fl-istat tal-materja u l-ekosistemi ma' sfidi ambjentali reali. L-attività tħeġġeġ lill-istudenti josservaw, jiddiskutu u japplikaw l-għarfien għal sitwazzjonijiet prattiċi, filwaqt li jikkunsidraw kif l-attività umana taffettwa l-ħabitats, is-sorsi tal-ilma, l-akwiferi u l-konservazzjoni tal-ilma f'Malta.

LOs:


SCIENCE Y4 **4.1.6** **4.1.7**

SCIENCE Y5 **5.7.4**

SCIENCE Y6 **6.7.1**

SCIENCE Y7 **7.4.4** **7.4.6** **7.4.8** **7.4.9** **7.4.10**

GEOGRAPHY Y9 **3.1a** **3.1h** **3.2c** **3.2e** **3.2f** **3.2h** **4.1j**



IL-PROGRAMM EDUKATTIV 2026–2027

THE ESPLORA SCIENCE THEATRE

SCIENCE ON FIRE

XOW TAX-XJENZA INTERATTIVA


MIT-TIENI SENA 'L FUQ

60 MINUTA

MASSIMU TA' 90 PERSUNA

Science on Fire tintroduċi udjenzi iżgħar fl-età għax-xjenza wara n-nar b'mod sikur, ikkontrollat u divertenti. Permezz ta' esperimentid drammatiċi, l-istudenti jesploraw it-triangolu tan-nar, il-kombustjoni, il-kulur, is-sħana, il-pressjoni u l-enerġija, filwaqt li jissaħħaħ il-messaġġ ewlieni li n-nar huwa affaxxinanti iżda għandu jiġi mmaniġġjat biss b'mod sigur minn nies imħarrġa.

Dan ix-xow tax-xjenza li jinvolvi ħafna enerġija, imfassla biex tiġbed l-attenzjoni permezz ta' dimostrazzjonijiet ikkontrollati bin-nar, bidliet fil-kulur u effetti viżwali divertenti. It-tfal huma mħeġġa jaħsbu bħax-xjenzati billi jbassru x'jista' jiġri u josservaw ir-riżultati, filwaqt li komunikaturi tax-xjenza juru b'mod ċar il-prattika xjentifika b'mod sikur. L-esperjenza tibbilanċja l-ispettaklu mas-sigurtà, u tagħmilha memorabbli, adattata għall-età tagħhom u mimlija entużjażmu; mingħajr ma tbiddel lil ħadd fi dragun ċkejken.



L-OBJETTIVI TAL-ATTIVITÀ

Science on Fire se tgħin lill-parteċipanti biex:

- Jitgħallmu li n-nar jeħtieġ is-sħana, il-fjuwil u l-ossiġnu;
- Josservaw x'jiġri meta jitneħħa wieħed mill-elementi tat-triangolu tan-nar;
- Jesploraw reazzjonijiet kimiċi sempliċi li jipproduċu s-sħana u d-dawl;
- Jiskopru li materjali differenti jistgħu jipproduċu fjammi ta' kulur differenti;
- Jinvestigaw l-enerġija maħżuna fil-fjuwils;
- Jipprattikaw billi jsaqsu mistoqsijiet, jagħmlu tbassir u josservaw ir-riżultati;
- Jifhmu l-importanza tas-sikurezza f'dimostrazzjonijiet tan-nar u tax-xjenza.

RABTIET MAL-KISBIET MIT-TAGĦLIM FORMALI

L-istudenti se jinvolvu ruħhom f'investigazzjoni xjentifika permezz ta' mistoqsijiet, tbassir, osservazzjoni u esplorazzjoni prattika sikura. L-attività ssaħħaħ il-fehim ta' materjali, taħlitiet, bidliet riversibbli u irriversibbli, reazzjonijiet kimiċi, dawl, enerġija, stati ta' materja u forzi. L-istudenti huma mħeġġa jgħaqqdu kunċetti xjentifiċi ma' sitwazzjonijiet tal-ħajja ta' kuljum filwaqt li jiżviluppaw ħiliet ta' osservazzjoni, ta' raġunament, ta' kollaborazzjoni u ta' investigazzjoni prattika.

LOs:

PRIMARY SCIENCE Y4

4.1.1 4.1.3 4.1.6 4.1.7
4.1.12 4.1.13 4.6.1 4.4.5

PRIMARY SCIENCE Y5

5.1.1 5.1.3 5.1.7 5.1.8
5.1.11 5.1.15 5.4.5 5.5.1
5.5.2

PRIMARY SCIENCE Y6

6.1.1 6.1.3 6.1.7 6.5.1
6.6.2 6.6.3 6.6.4 6.8.1



IL-PROGRAMM EDUKATTIV 2026–2027

THE ESPLORA WORKSHOP ROOM

COLOUR SPLASH

WORKSHOP HANDS-ON

MIT-TIENI SAT-TIELET SENA

60 MINUTA

MASSIMU TA' 25 PERSUNA

Idħol fid-dinja tal-kuluri f'dan il-workshop prattiku u vibranti! Il-parteċipanti jesploraw kif il-kuluri jitħalltu, jaqblu u jikkuntrastaw permezz ta' logħob attraenti, sfidi kreattivi u esperimenti divertenti. Bl-użu ta' approċċi differenti, il-parteċipanti jiskopru t-teorija tal-kulur fl-azzjoni, bħalma jagħmlu l-artisti u x-xjenzati!

Il-parteċipanti jieħdu sehem f'investigazzjonijiet ikkuluriti li jgħaqqdu x-xjenza, il-kreattività u l-logħob. Huma jħalltu l-kuluri, jittestjaw l-ideat, josservaw ir-riżultati u jużaw it-teorija tal-kuluri biex jagħmlu sens mix-xejriet li nsibu fl-arti, fin-natura u fl-ambjent. *Colour Splash* huwa workshop vivaċi u sensorjali b'ħafna mumenti ta' "Imma dak il-kulur kif ħareġ?".



L-OBJETTIVI TAL-ATTIVITÀ

Colour Splash se jgħin lill-parteċipanti:

- Jitgħallmu l-elementi bażiċi tat-teorija tal-kulur, inklużi l-kuluri primarji u sekondarji;
- Jitgħallmu kif il-kuluri jitħalltu biex joħolqu l-kuluri differenti tal-qawsalla;
- Jifhmu x'inhi rota tal-kulur aħjar u kif tista' tkun utli;
- Jitgħallmu dwar il-kuluri komplementari;
- Josservaw kif il-kuluri komplementari huma preżenti fin-natura.

RABTIET MAL-KISBIET MIT-TAGĦLIM FORMALI

L-istudenti jesploraw il-kuluri, id-dawl u l-materjali permezz ta' investigazzjoni prattika, esperimentazzjoni kreattiva u diskussjoni gwidata. L-attività tħeġġeġ lill-istudenti jużaw is-sensi tagħhom, jagħmlu tbassir, josservaw bidliet, jikkumparaw materjali u jaslu għal konklużjonijiet sempliċi. Issaħħaħ ukoll il-kollaborazzjoni, ix-xogħol prattiku sikur u l-iżvilupp ta' ħiliet bikrija ta' investigazzjoni permezz tat-taħlit tal-kuluri, l-esplorazzjoni ottika u sfidi relatati fuq il-materjal.

LOs:

PRIMARY SCIENCE GUIDELINES Y2

PLAY AND CONSTRUCTION ACTIVITIES

INQUIRY PROCESS

EXPLORATION **INVESTIGATION**

ASSESS **EVALUATE**


COMMUNICATE

PRIMARY SCIENCE Y3

3.1.1 **3.1.3** **3.1.4** **3.1.6**

3.1.7 **3.1.12** **3.1.13** **3.4.7**

3.6.1 **3.6.2** **3.7.1**



DIGIT DIGGERS

WORKSHOP PRATTIKU

MIRR-RABA' SENA SAS-SITT SENA

60 MINUTA

MASSIMU TA' 25 PERSUNA

Digit Diggers huwa maħsub sabiex jgħin lill-viżitaturi jużaw kunċetti matematiċi biex jiskopru informazzjoni dwar id-dinosawri permezz tal-istudju tal-marki tas-saqajn tagħhom. L-għanijiet ewlenin huma li wieħed jifhem kemm huma importanti l-marki tas-saqajn tad-dinosawri fil-paleontoloġija, japplika ħiliet matematiċi biex janalizza dawn il-marki, u jħeġġeġ il-ħsieb kritiku permezz ta' eżerċizzji ta' soluzzjoni ta' problemi.

L-istudenti jaħdmu fi gruppi biex jinvestigaw sensiela ta' marki fossili u jirreġistraw is-sejbiet tagħhom bħal paleontologi vera. Permezz ta' sfidi ggwidati, huma jkejlu l-marki tas-saqajn, iqabblu x-xejriet tal-marki, u jużaw l-evidenza biex jaslu għal konklużjonijiet infurmati dwar id-dinosawri li setgħu ħallew dawn il-marki warajhom. Digit Diggers huwa workshop prattiku fejn il-matematika ssir għodda ta' skoperta, bid-dinosawri jagħmlu ħafna mit-taħbit bis-saqajn.

L-OBJETTIVI TAL-ATTIVITÀ

Digit Diggers se jgħin lill-parteċipanti:

- Jesploraw kif il-marki tas-saqajn tad-dinosawri jgħinu lill-paleontologi jistudjaw il-passat;
- Jużaw ħiliet ta' kejl, stima u mmaniġġjar tad-data f'kuntest prattiku;
- Jitgħallmu kif jinterpretaw l-evidenza mill-marki fossili;
- Jiżviluppaw il-ħsieb kritiku permezz ta' sfidi ta' soluzzjoni ta' problemi;
- Jesperjenzaw kif ir-riċerka xjentifika tgħaqqad flimkien l-osservazzjoni, il-matematika u r-raġunament.

RABTIET MAL-KISBIET MIT-TAGĦLIM FORMALI

L-istudenti japplikaw ħiliet matematiċi permezz ta' sfidi prattiċi tal-ħajja reali li jinvolvu kejl, stima, kalkolu u mmaniġġjar tad-data. *Digit Diggers* jgħin lill-istudenti jagħżlu u jużaw strumenti tal-kejl, jinterpretaw l-imwieżen, iqabblu l-kejl, isolvu problemi bl-użu tal-erba' operazzjonijiet, u jiġbru, jorganizzaw u jinterpretaw data ppreżentata f'tabelli, dijagrammi u graphs.

LOs:


MATHEMATICS Y4 – MEASUREMENT:	4.2.1	4.2.2	4.2.3
NUMERICAL CALCULATIONS:	6.2.1	6.2.5	
DATA HANDLING & STATISTICS:	7.2.1	7.2.2	
MATHEMATICS Y5 – MEASUREMENT:	4.2.1	4.2.2	4.2.3
NUMERICAL CALCULATIONS:	6.2.3	6.2.13	
MATHEMATICS Y6 – MEASUREMENT:	4.2.1	4.2.5	
NUMERICAL CALCULATIONS:	6.2.3	6.2.5	6.2.14
DATA HANDLING & STATISTICS:	7.2.1	7.2.2	



SERJE TA' WORKSHOPS *UNLOCKING STEAM*

Il-workshop Interactive Escape Game huwa sfida b'pass mgħaġġel fuq mejda, fejn il-parteċipanti jaħdmu flimkien biex isolvu sensiela ta' puzzles b'tema partikolari, jaqtgħu kodiċijiet u jiskopru ħjiliet, u dan kollu mingħajr ma jkunu fiżikament magħluqin f'kamra. Dawn l-esperjenzi prattiċi u ta' ħsieb jgħaqqdu flimkien is-soluzzjoni ta' problemi, il-ħidma f'tim u l-ħsieb kritiku ma' suġġetti reali ta' STEAM. Kull logħba hija maħsuba biex tqanqal il-kurżità, tapplika l-għarfien b'mod divertenti u tiżviluppa ħiliet tas-seklu 21, bħall-komunikazzjoni, il-kollaborazzjoni u r-reżiljenza.

Il-klassi tinqasam fi gruppi (massimu ta' 6 gruppi). Kull grupp ikollu mejda identika bl-istess riżorsi. Kull grupp irid jaħdem flimkien biex jgħaddi l-logħba b'suċċess. It-tim li jirnexxilu jlestiha l-ewwel jirbaħ.



UNLOCKING AI

WORKSHOP PRATTIKU	MIS-SEBA' SENA 'L FUQ	60 MINUTA	MASSIMU TA' 25 PERSUNA

L-Intelliġenza Artifiċjali malajr saret kemm kelma popolari li tissemma ta' spiss, kif ukoll għodda qawwija fil-ħajja ta' kuljum. Il-logħba tat-tip escape *Unlocking AI* tgħin lill-istudenti jifhmu aħjar il-miti u l-ideat żbaljati dwar l-IA billi jesploraw x'inhi, x'tista' u x'ma tistax tagħmel, u kif diġà qed tintuża f'applikazzjonijiet tal-ħajja reali. L-IA hija ħafna aktar minn sempliċi chatbot; hija għodda użata f'ħafna aspetti tal-ħajja.



L-OBJETTIVI TAL-ATTIVITÀ

F'*Unlocking AI*, il-parteċipanti se jkunu kapaċi:

- Jesploraw modi kif jikkollaboraw b'mod effettiv bħala parti minn tim;
- Jużaw il-ħsieb kritiku biex jinterpretaw ħjiliet u jsolvu puzzles;
- Japplikaw ħiliet ta' soluzzjoni ta' problemi, bil-ħin għaddej;
- Jesploraw ideat ewlenin marbuta mal-Intelliġenza Artifiċjali;
- Jirriflettu dwar ir-rwol tat-teknoloġija f'sitwazzjonijiet tal-ħajja reali.

RABTIET MAL-KISBIET MIT-TAGĦLIM FORMALI

L-istudenti jesploraw l-Intelliġenza Artifiċjali permezz ta' sfida bbażata fuq kunċett ta' escape room, li tħeġġeġ il-ħidma f'tim, il-ħsieb kritiku, is-soluzzjoni ta' problemi u t-teħid ta' deċiżjonijiet. *Unlocking AI* tintroduċi kif jaħdmu l-algoritmi, kif dawn jistgħu jinkludu jew jeskludu ċerta informazzjoni, u kif il-preġudizzju jista' jinfluwenza r-riżultati. L-istudenti jitgħallmu jikkunsidraw ukoll il-benefiċċji, ir-riskji u l-implikazzjonijiet etiċi tal-IA fil-ħajja ta' kuljum.

LOs:

ETHICS	Y7-LO5 · Y8-LO18 · Y8-LO20 · Y8-LO21
21ST-CENTURY SKILLS	COLLABORATION · COMMUNICATION · CRITICAL THINKING · PROBLEM-SOLVING · DECISION-MAKING · ADAPTABILITY

UNLOCKING PHARMA

MALTA MEDICINES AUTHORITY

Dan il-workshop huwa appoġġjat mill-Awtorità dwar il-Mediċini.

WORKSHOP PRATTIKU

MIS-SEBA' SENA 'L FUQ

60 MINUTA

MASSIMU TA' 25 PERSUNA

Fejn tista' twasslek karriera fil-farmaċija? Oħroġ lil hinn mill-bank tal-ispiżerija u skopri l-bosta rwoli eċitanti fid-dinja tal-farmaċija—mir-riċerka u x-xogħol fil-laboratorju sar-regolamentazzjoni. Solvi puzzles, aqta' kodiċijiet u skopri kif l-ispiżjara għandhom ir-responsabbiltà li jwasslu mediċina sikura lill-ispiżerija tal-lokal tiegħek b'ħafna aktar modi milli taħseb. B'kollox lest biex tiskopri d-dinja tal-farmaċija, lest għall-isfida?



L-OBJETTIVI TAL-ATTIVITÀ

F'*Unlocking Pharma*, il-parteċipanti se jkunu kapaċi:

- Jiskopru toroq differenti ta' karriera fil-qasam tal-farmaċija;
- Jesploraw il-ħiliet xjentifiċi, ta' komunikazzjoni u ta' soluzzjoni ta' problemi użati mill-ispiżjara;
- Jaħdmu fi gruppi biex isolvu sfidi bil-ħin relevanti għal xenarji tal-ħajja reali;
- Jużaw il-ħsieb loġiku biex jinvestigaw ħjiliet fil-kuntest farmaċewtiku;
- Jirriflettu fuq il-punti b'saħħithom personali tagħhom u fuq interessi possibbli għal karriera futura.

RABTIET MAL-KISBIET MIT-TAGĦLIM FORMALI

L-istudenti jesploraw karrieri marbuta mal-farmaċija u l-investigazzjoni xjentifika permezz ta' logħba tat-tip escape ffokata fuq l-evidenza, il-konformità u s-soluzzjoni ta' problemi. *Unlocking Pharma* juri kif ix-xjenza u t-teknoloġija jintużaw fil-ħajja ta' kuljum, inkluż fl-ambjent tal-ispiżerija, filwaqt li l-istudenti jinvestigaw ħjiliet marbuta mal-manjetiżmu, id-dissoluzzjoni, is-sustanzi li ma jinħallux u l-użu tax-xjenza biex tiġi ttestjata l-evidenza u jiġu solvuti l-problemi.

LOs:

SCIENCE Y7 **7.1.1**

SCIENCE Y8 **8.5.1** **8.2.12** **8.2.7**

21ST-CENTURY SKILLS **TEAMWORK** **COMMUNICATION** **LOGICAL THINKING** **PROBLEM-SOLVING** **CAREER AWARENESS** **DECISION-MAKING** **TIME MANAGEMENT.**

UNLOCKING CHEMISTRY

WORKSHOP PRATTIKU

MIS-SEBA' SENA 'L FUQ

60 MINUTA

MASSIMU TA' 25 PERSUNA

Il-laboratorju tiegħek jinsab magħluq wara tifqigħa virali, u xjenzat ewlieni, li x-xogħol tiegħu huwa ċ-ċavetta biex jiġi eliminat dan il-kaos kollu, għeb. Fil-logħba tat-tip escape *Unlocking Chemistry*, l-istudenti jridu jaħdmu flimkien biex isolvu puzzles, jiskopru ħjiliet u jiksbu l-informazzjoni kollha meħtieġa qabel jispiċċa l-ħin.



L-OBJETTIVI TAL-ATTIVITÀ

F'*Unlocking Chemistry*, il-parteċipanti se jkunu kapaċi:

- Jesploraw it-tabella perjodika u l-kunċett tal-elementi, filwaqt li jitgħallmu dwar l-atomi u l-komponenti tagħhom;
- Jinvestigaw id-dawl, il-kulur, it-tul tal-mewġ u l-ispettri tal-emissjoni;
- Jesploraw il-pH u kif l-indikaturi jidentifikaw jekk sustanza hix aċiduża jew alkalina;
- Jesperimentaw b'materjali intelliġenti, bħaż-żebgħa li tibdel il-kulur mas-sħana;
- Japplikaw il-ħidma f'tim u l-ħiliet ta' soluzzjoni ta' problemi biex ilestu l-isfidi.



RABTIET MAL-KISBIET MIT-TAGĦLIM FORMALI

L-istudenti jinvestigaw kunċetti tal-kimika li jgħaqqdu l-għarfien xjentifiku mas-soluzzjoni prattika ta' problemi. *Unlocking Chemistry* jintroduċi l-indikaturi, l-aċidi u l-alkali, l-ittestjar bil-litmus, l-ispettru viżibbli, it-tul tal-mewġ, il-perċezzjoni tal-kulur, il-materjali intelliġenti u t-tabella perjodika. L-istudenti jaħdmu flimkien taħt pressjoni tal-ħin filwaqt li jinterpretaw il-ħjiliet u japplikaw ir-raġunament xjentifiku.

LOs:

SCIENCE Y7 **7.5 LO6** **7.5 LO7**

PHYSICS Y9 **1.1v**

CHEMISTRY Y10 **LO6**

21ST-CENTURY SKILLS **TEAMWORK** **COMMUNICATION** **CRITICAL THINKING** **PROBLEM-SOLVING** **OBSERVATION** **TIME MANAGEMENT**

IL-PROGRAMM EDUKATTIV 2026–2027

PLANETARIUM EXPERIECE

MASSIMU TA' 50 PERSUNA INKL. EDUKATURI

PLANETARIUM LIVE SHOW

Planetarium Live Show hija esperjenza interattiva mmexxija minn preżentatur li ssir ġewwa l-Planetarium ta' Esplora. B'differenza mill-films irrekordjati minn qabel tal-Planetarium, li jsegwu skript u sekwenza viżiva fissa, il-wirjiet diretti jsiru fil-ħin reali minn wieħed mill-komunikaturi tax-xjenza mħarrġa ta' Esplora, bl-użu ta' viżwali dinamiċi.


Il-Komunikatur tax-Xjenza jista' jfassal il-wirja skont l-età, l-interessi u l-mistoqsijiet tal-udjenza, u b'hekk joħloq esperjenza aktar attraenti, flessibbli u konverżazzjonali. Il-vjaġġi viżivi jistgħu jitwaqqfu, jiġu aġġustati jew estiżi skont il-bżonn, u b'hekk kull sessjoni tkun unika.

Disponibbli għall-istudenti minn Year 2 'il fuq, il-wirja diretta tagħna qatt ma tkun l-istess. Il-Komunikatur tax-Xjenza tagħna jgħin lill-udjenza tesplora s-sema billejl u tagħmel vjaġġ lejn il-Qamar, qabel ma ttir fis-Sistema Solari biex tara pjaneta mill-qrib. Il-parteċipanti jagħmlu mawra drammatika fis-Sistema Solari tagħna, mill-Istazzjon Spazjali Internazzjonali sal-pjaneti mbiegħda, u mbagħad joħorġu fl-ispazju interstellari hekk kif nesploraw il-galassja tagħna u l-post tagħna fl-univers. 'Il fejn se tmur? Dan jiddependi minn dak li tiddeċiedi l-udjenza! Din il-wirja diretta hija flessibbli u adattabbli għall-istudenti u l-udjenzi kollha.

SISTEMA TA' HEARING LOOP

Il-Planetarium ta' Esplora huwa mgħammar b'sistema ta' hearing loop għal dawk li jagħmlu użu minn apparat tas-smigħ. L-utenti jridu jaqilbu l-apparat tagħhom għall-modalità Telecoil sabiex jibbenefikaw minn din is-sistema.

Is-Sistema tal-Hearing Assistance hija aċċessibbli minn ringieli 2 sa 5.



PLANETARIUM FILMS

ĠDID LILA: LIFE CYCLES AND CONNECTIONS



ETÀ: MINN KINDER SA S-SITT SENA

Ċkien daqs caterpillar u ngħaqad ma' Lila fil-vjaġġ tagħha bħala farfett, filwaqt li tesplora l-fotosintesi, iċ-ċiklu tal-ilma, it-tibdil fil-klima, in-networks tas-siġar, il-bijodiversità, u kif kull ħlejqa ħajja hija marbuta man-natura ta' madwarna.

Temi ewlenin: L-Annimali, il-Klima u l-Bijoloġija

ĠDID THE STELLARS: MISSION GREEN




ETÀ: MINN KINDER SA S-SITT SENA

Tliet aljeni żgħar ħbieb ta' xulxin jiġġarrfu fuq id-Dinja u għandhom bżonn l-għajnuna tat-tfal biex isalvaw il-foresta abbord il-vettura spazjali tagħhom, filwaqt li jiskopru x'għandhom bżonn il-pjanti biex jgħixu permezz tal-ħjiliet, il-ħidma f'tim u l-avventuri tagħhom matul il-vjaġġ.

Temi ewlenin: L-Ambjent, il-Bijoloġija u x-Xjenzi tal-Ħajja

ĠDID WHAT SANTA SEES



ETÀ: MINN KINDER SA S-SITT SENA

Ivvjaġġa ma' Santa Klaws u r-renni tiegħu lejlet il-Milied, filwaqt li tiskopri l-Qamar, l-istilel, il-kostellazzjonijiet, ix-shooting stars u d-direzzjonijiet fi vjaġġ maġiku u festiv li jgħaqqad ir-rakkuntar ta' stejjer mal-astronomija għat-tfal.

Temi ewlenin: Ir-Rakkunar ta' Stejjer tal-Milied, is-Sema billejl, il-Qamar u l-Kostellazzjonijiet

ACCIDENTAL ASTRONAUTS



ETÀ: MIT-TIENI SENA SA S-SITT SENA

Ingħaqad ma' Cy, Annie u l-kelb tagħhom Armstrong f'avventura mhux mistennija fl-Ispazju, filwaqt li tesplora d-Dinja, ix-Xemx, il-Qamar, l-asterojdi, il-maltempati solari u l-pjaneta sabiħa tagħna li ngħixu fiha, permezz tal-kompjuter tal-vettura spazjali tagħhom.

Temi ewlenin: L-Astronomija, il-Qamar u s-Sistema Solari

PERFECT LITTLE PLANET



ETÀ: MIT-TIENI SENA SA S-SITT SENA

Ingħaqad ma' familja ta' vjaġġaturi spazjali għall-aqwa destinazzjoni għall-vaganzi, filwaqt li tesplora Pluto, Miranda, Saturnu, Ġove, Marte u wħud mill-aktar xeni spettakolari tas-Sistema Solari, bħala turisti kożmiċi.

Temi ewlenin: L-Astronomija, il-Pjaneti u s-Sistema Solari

MAGIC GLOBE



ETÀ: MIT-TIENI SENA SA T-TMIEN SENA

Fid-dar tan-nannu tagħha, Mia tiskopri magna astronomika misterjuża u titgħallem għaliex jinbidlu l-istaġuni, filwaqt li tesplora x-Xemx, id-Dinja, it-temp, il-klima u x-xjenza permezz ta' storja maġika għal udjenzi ta' età żgħira.

Temi ewlenin: L-Istaġuni, il-Meteoroloġija u l-Klima



KITZ THE CAT'S SUPERMOON ADVENTURE



ETÀ: MIT-TIENI SENA SA T-TMIEN SENA

F'Dinja tal-futur immexxija minn qtates intelliġenti, Kitz, Tutti u Pepe jħallu warajhom il-missjoni tagħhom li jnaddfu l-iskart spazjali u jitilqu flimkien għal avventura divertenti lejn il-Qamar abbord il-vettura spazjali Galaxy Sweeper.

Temi ewlenin: L-Iskart Spazjali, l-Esplorazzjoni tal-Qamar u l-Indafa fl-Ispazju

DINOSAURS: A STORY OF SURVIVAL



ETÀ: MIT-TIENI SENA SAL-ĦDAX IL-SENA

Ingħaqad ma' Celeste u Moon fi vjaġġ mad-Dinja preistorika, filwaqt li tiskopri l-evoluzzjoni tad-dinosawri, kreaturi ġganteski, l-estinzjoni tal-massa u s-sigriet sorprendenti ta' kif id-dinosawri għadhom jgħixu fid-dinja tal-lum.

Temi ewlenin: L-Astronomija, id-Dinosawri u l-Evoluzzjoni

CELL! CELL! CELL!



ETÀ: MIR-RABA' SENA SAL-ĦDAX IL-SENA

Ċkien fid-daqs, flimkien ma' Raj u Sooki, biex tesplora t-triljuni ta' ċelloli ħajjin ġo fina, filwaqt li tiskopri kif il-ġisem tagħna jikber, jiffunzjona, jikkomunika u jagħmilna dak li aħna, kuljum.

Temi ewlenin: Iċ-Ċelloli, il-Bijoloġija tal-Bniedem u x-Xjenzi tal-Ħajja

DREAM TO FLY




ETÀ: MIS-SITT SENA SAL-ĦDAX IL-SENA

Esplora l-ħolma tal-bniedem li jtir, minn Leonardo da Vinci sal-blalen tal-arja, l-ajruplani u l-esplorazzjoni tal-Ispazju, filwaqt li tiċċelebra l-invenzjoni, il-kuraġġ, l-immaġinazzjoni u l-progress teknoloġiku li biddlu għal dejjem l-istorja u s-smewwiet tagħna.

Temi ewlenin: L-Istorja tal-Avjazzjoni, l-Innovazzjoni u t-Titjir

MYSTERIES OF YOUR BRAIN




ETÀ: MIS-SITT SENA SAL-ĦDAX IL-SENA

Segwi tifla u l-ħabiba tagħha ċ-ċawla fi vjaġġ ġewwa l-moħħ tal-bniedem, filwaqt li tesplora n-newroni, l-imħuħ tal-annimali, l-illużjonijiet, l-identità u l-kapaċità straordinarja tagħna li nitgħallmu, nadattaw u ninbidlu, permezz ta' avventura immersiva flimkien.

Temi ewlenin: Il-Bijoloġija tal-Bniedem, ix-Xjenzi tal-Ħajja u l-Moħħ

FROM EARTH TO THE UNIVERSE



ETÀ: MIS-SEBA' SENA SAL-ĦDAX IL-SENA

F'dan id-dokumentarju mill-Osservatorju Ewropew tan-Nofsinhar, skopri kemm hu vast l-Univers u tgħallem aktar dwar il-post tal-umanità fl-univers.

Temi ewlenin: L-istilel, il-Galassji u l-Univers

WE ARE STARS




ETÀ: MIS-SEBA' SENA SAL-ĦDAX IL-SENA

Skopri r-rabta bejn il-ħajja fid-Dinja u l-evoluzzjoni tal-univers billi ssegwi l-formazzjoni tal-atomi tal-idroġenu għas-sinteżi tal-karbonju, u tal-molekuli meħtieġa għal kwalunkwe forma ta' ħajja.

Temi ewlenin: Il-Formazzjoni tal-Elementi, il-Formazzjoni tal-Ħajja u l-Univers


TWO SMALL PIECES OF GLASS




ETÀ: MIS-SEBA' SENA SAL-ĦDAX IL-SENA

L-iżvilupp tat-teleskopji għenna nifhmu l-post tagħna fl-Ispazju. Skopri kif jaħdmu t-teleskopji u kif l-astronomi użawhom biex jistudjaw l-istrutturi tal-univers tagħna.

Temi ewlenin: It-Teleskopji, id-Dawl u l-Astronomija



THE SUN



ETÀ: MIS-DISA' SENA SAL-ĦDAX IL-SENA

Ilkoll kemm aħna nistgħu nħossu s-sħana tax-xemx fuq il-ġilda tagħna. Skopri s-sigrieti tas-sors ewlieni tad-dawl u l-enerġija tad-Dinja, u ara stampi li qatt ma dehru qabel tal-wiċċ turbulenti tax-Xemx.

Temi ewlenin: Ix-Xemx, l-Istilel u x-Xjenza Solari


EUROPE TO THE STARS



ETÀ: MIS-DISA' SENA SAL-ĦDAX IL-SENA

Skopri l-Osservatorju Ewropew tan-Nofsinhar fi storja ta' kurżità, kuraġġ u perseveranza kosmika: storja ta' osservazzjoni ta' univers mimli b'misteri profondi u sigrieti moħbija; u storja tat-tfassil, il-bini u t-tħaddim tal-aktar teleskopji qawwija tal-art, fid-Dinja.

Temi ewlenin: L-Osservatorju Ewropew tan-Nofsinhar u r-Riċerka Astronomika



IL-PROGRAMM EDUKATTIV 2026–2027

STEAM CONNECT

PROGRAMM VIRTWALI BIEX TILTAQA' MA' RIĊERKATURI



GĦALL-ISTUDENTI TA' YEAR 9-YEAR 11

DALWAQT JITNIEDA

STEAM Connect iqarreb lill-istudenti lejn in-nies li jaħdmu fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, l-arti u l-matematika f'Malta.

Permezz ta' dan il-programm virtwali biex jiltaqgħu ma' riċerkaturi, l-istudenti se jkollhom l-opportunità jitkellmu direttament ma' professjonisti ta' STEAM minn oqsma differenti, jistaqsu mistoqsijiet u jitgħallmu dwar riċerka attwali, toroq ta' karriera u opportunitajiet lokali.

STEAM Connect huwa maħsub biex jgħin lil studenti akbar fl-età jgħaqqdu t-tagħlim tal-klassi ma' applikazzjonijiet tal-ħajja reali. Iħeġġeġ ukoll l-għarfien dwar karrieri ta' STEAM f'Malta u jappoġġja lill-istudenti hekk kif jibdew jikkunsidraw studji u karrieri futuri.

KIF SE JAĦDEM?

L-iskejjel se jkunu jistgħu jibbukkjaw sessjoni online għall-klassi tagħhom, u Esplora se jikkoordina l-laqgħa virtwali mar-riċerkatur jew il-professjonist ta' STEAM mistieden. Is-sessjoni ssir permezz ta' Microsoft Teams, u tkun immexxija minn membru tat-tim ta' Esplora biex isaħħaħ id-diskussjoni u jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-istudenti.

Aktar informazzjoni, inkluż ir-riċerkaturi parteċipanti, id-dati tas-sessjonijiet, id-disponibbiltà u d-dettalji sħaħ tal-programm, se tiġi provduta lill-iskejjel permezz ta' ċirkulari uffiċjali.

L-iskejjel interessati li jieħdu sehem jistgħu jirreġistraw l-interess tagħhom billi jikkuntattjaw lill-Bookings Team ta' Esplora fuq bookings@esplora.org.mt jew iċemlu fuq **23602300**. Ladarba l-programm *STEAM Connect* jitnieda, Esplora jikkomunika direttament mal-iskejjel interessati b'aktar dettalji.

WORKSHOPS SPEĊJALIZZATI

Dawn il-workshops speċjalizzati huma offruti fuq talba bħala parti mill-programm edukattiv ta' Esplora. Dawn is-sessjonijiet huma maħsuba biex jappoġġjaw involviment aktar fil-fond f'suġġetti speċifiċi u jistgħu jingħataw jew ġewwa Esplora jew fuq bażi ta' outreach fejn it-tim ta' Esplora jżur l-iskola. Għalkemm mhumiex marbuta direttament ma' xi kurrikulu formali, dawn il-workshops huma mfassla biex isaħħu l-ħiliet ta' komunikazzjoni xjentifika u jqajmu kuxjenza dwar is-suġġetti li jindirizzaw.

L-informazzjoni pprovduta f'din it-taqsima tagħti ħarsa ġenerali ħafifa lejn kull workshop. L-iskejjel interessati li jibbukkjaw jew li jirċievu aktar dettalji dwar il-kontenut, l-adegwatezza, il-format jew id-disponibbiltà ta' dawn is-sessjonijiet jistgħu jikkuntattjaw direttament lit-Taqsima tal-Iżvilupp tal-Kontenut fuq l-email education.esplora@gov.mt.

LET'S SCI COMM

MIS-SEBA' SENA 'L FUQ | **60–120 MINUTA** | **MASSIMU TA' 25 PERSUNA**

Għandek xi storja xi tgħid? Tixtieq titgħallem kif taqsam ix-xjenza b'mod divertenti u attraenti? Fil-workshop *Let's Sci Comm*, tiskopri s-sigrieti wara komunikazzjoni xjentifika effettiva u titgħallem kif tippreżenta l-ideat tiegħek b'kunfidenza, kreattività u b'laqta spettaklu.

Temi ewlenin: Il-Komunikazzjoni Xjentifika, it-Taħdit fil-Pubbliku u l-Involviment tal-Udjenza

SCIENCE WITHOUT BORDERS

MIS-SEBA' SENA 'L FUQ | **60–90 MINUTA** | **MASSIMU TA' 25 PERSUNA**

Science Without Borders tistieden lill-istudenti jaħsbu dwar x'inhi x-xjenza, kif titwettaq u min jista' jipparteċipa fiha. Permezz ta' attivitajiet ibbażati fuq id-diskussjoni, l-istudenti jirriflettu fuq il-fehim tagħhom stess ta' suġġetti xjentifiċi, jesploraw kif l-informazzjoni tifforma l-opinjonijiet u jikkunsidraw għaliex il-litteriżmu xjentifiku huwa importanti fil-ħajja ta' kuljum.


Temi ewlenin: Il-Litteriżmu Xjentifiku, il-Miżinformazzjoni u l-Ħsieb Kritiku fix-Xjenza, is-Soċjetà u l-Inklużjoni

STI AWARENESS

MID-DISA' SENA 'L FUQ | **60–90 MINUTA** | **MASSIMU TA' 25 PERSUNA**

STI Awareness huwa workshop introduttorju li jgħin lill-istudenti jifhmu l-infezzjonijiet trażmessi sesswalment (STIs) f'ambjent sikur, rispettuż u adattat għall-età tagħhom. Is-sessjoni tesplora t-trażmissjoni, is-sintomi, il-kura, il-prevenzjoni, il-kunsens u prattiċi ta' sess sikur, filwaqt li tindirizza ideat żbaljati komuni permezz ta' diskussjonijiet gwidati u attivitajiet interattivi.

Temi ewlenin: Is-Saħħa Sesswali u l-Prevenzjoni tal-STIs, il-Kunsens u Prattiċi Sikuri, is-Saħħa u l-Benessri, u t-Teħid ta' Deċiżjonijiet Responsabbli



ESPLORA LILL HINN



Li nilħqu l-istudenti u l-komunitajiet madwar Malta u Għawdex hija parti importanti mill-missjoni ta' Esplora. Permezz tal-programm ta' outreach tagħna, Esplora jwassal b'mod dirett esperjenzi interessanti ta' STEAM fl-iskejjel u l-istituzzjonijiet edukattivi, u jagħmel ix-xjenza prattika aktar aċċessibbli għal studenti li jistgħu jibbenefikaw mill-esperjenza ta' Esplora fl-ambjent edukattiv tagħhom stess.

Dan il-programm jagħti lill-iskejjel l-opportunità li jilqgħu lill-edukaturi ta' Esplora fil-bini tagħhom għal attivitajiet, workshops u sessjonijiet magħżula, imfassla biex isaħħu t-tagħlim permezz tal-interazzjoni, il-kurżità u l-parteċipazzjoni attiva. Billi nwasslu l-oqsma STEAM lil hinn mill-binja ta' Esplora, inkomplu nappoġġjaw lill-edukaturi joħolqu esperjenzi ta' tagħlim siewja li jgħaqqdu x-xjenza, il-kreattività u l-ideat tal-ħajja reali.

F'Esplora, nemmnu li t-tagħlim ta' STEAM għandu jkun aċċessibbli, attraenti u inklużiv. Meta l-iskejjel ma jkunux jistgħu jiġu għandna, aħna kburin li nkunu nistgħu nwasslu l-gost ta' STEAM għandhom.

BEAUTIFUL BUBBLES

XOW TAX-XJENZA | **MINN KINDER SAT-TIELET SENA** | **30 MINUTA** | **MASSIMU TA' 25–30 PERSUNA**

X'tip ta' bżieżaq nistgħu nagħmlu? Fi *Beautiful Bubbles*, wirja tax-xjenza divertenti, l-istudenti jesploraw minn xiex huma magħmula l-bżieżaq, il-forom li jistgħu jieħdu u kif nistgħu saħansitra nżommu bużżieqa f'idejna.

RABTIET MAL-KISBIET MIT-TAGĦLIM FORMALI

Beautiful Bubbles issaħħaħ l-investigazzjoni xjentifika bikrija permezz tal-osservazzjoni, il-previżjoni u l-esperimentazzjoni. Permezz ta' dimostrazzjonijiet divertenti, l-istudenti jesploraw il-proprjetajiet tal-materjali, inkluż il-flessibbiltà, l-elastiċità, l-għamla, it-trasparenza u s-saħħa.

LOs:

K1 & K2
LEVELS 1 & 2

2.2.1 **2.2.2** **4.2** **4.3** **4.6** **5.1** **5.2** **5.3**

PRIMARY SCIENCE GUIDELINES K1–Y3

PLAY AND CONSTRUCTION ACTIVITIES

SCIENTIFIC INQUIRY **PROPERTIES OF MATERIALS**

STEAM GAME SHOW

XOW TAX-XJENZA | **GĦAR-RABA' SENA SAS-SITT SENA** | **60 MINUTA** | **MASSIMU TA' 90 PERSUNA**

Ejja nagħżlu karta misterjuża u nittestjaw is-superpoteri ta' STEAM tagħna! Permezz tal-format dinamiku ta' logħba televiżiva mgħaġġla, fi *STEAM Game Show* l-istudenti jesploraw suġġetti interessanti bħan-nar, l-elettriku, il-ħoss, l-adattament, il-mikroskopija, ir-reazzjonijiet u l-materjali.

RABTIET MAL-KISBIET MIT-TAGĦLIM FORMALI

STEAM Game Show issaħħaħ l-investigazzjoni xjentifika minn Year 4 sa Year 6. L-istudenti huma mħeġġa jistaqsu mistoqsijiet, josservaw dimostrazzjonijiet, jagħmlu tbassir u jgħaqqdu ideat xjentifiċi ma' suġġetti bħas-sensi, l-enerġija, il-materjali, il-forzi, il-ħlejjaq ħajjin u l-fenomeni ta' kuljum.

LOs:

PRIMARY SCIENCE Y4

4.1.1 - 4.1.3 **4.1.6** **4.1.7** **4.1.9** **4.1.12** **4.1.13** **4.4.1** **4.6.1 - 4.6.3**

PRIMARY SCIENCE Y5

5.1.1 - 5.1.7 **5.1.11** **5.1.12**

PRIMARY SCIENCE Y6

6.1.1 - 6.1.3 **6.1.5 - 6.1.7** **6.1.11 - 6.1.13** **6.5.3** **6.6.1** **6.6.4**

PLANET BOOTCAMP

WORKSHOP PRATTIKU | **GĦAT-TIENI SENA SAT-TIELET SENA** | **60 MINUTA** | **MASSIMU TA' 25 PERSUNA**

Qegħdin insejħu lill-astronawti trainees kollha! Fi *Planet Bootcamp*, l-istudenti jesploraw il-karatteristiċi fantastiċi tas-Sistema Solari tagħna—mill-vulkani ta' Venere saċ-ċrieki ta' Saturnu—hekk kif jieħdu sehem f'bootcamp interattiv b'tema spazjali.

RABTIET MAL-KISBIET MIT-TAGĦLIM FORMALI

Planet Bootcamp isaħħaħ it-tagħlim dwar il-pjaneta tagħna, l-Ispazju u s-Sistema Solari ġenerali. L-istudenti jipprattikaw l-investigazzjoni xjentifika billi josservaw, jistaqsu u jesploraw kif id-Dinja u pjaneti oħra jistgħu jiġu kkumparati.

LOs:

K1 & K2
LEVELS 1 & 2

1.1.1 - 1.1.6 | 1.1.6 | 1.1.8 | 1.1.9 | 1.2.1 - 1.2.4 | 1.3.1 | 2.1.1 - 2.1.4 | 2.2.1 | 2.2.2

COLOUR SPLASH

WORKSHOP PRATTIKU | **GĦAT-TIENI SENA SAT-TIELET SENA** | **60 MINUTA** | **MASSIMU TA' 25 PERSUNA**

Idħol fid-dinja tal-kuluri f'*Colour Splash*, workshop prattiku u vibranti! Il-parteċipanti jesploraw kif il-kuluri jitħalltu, jaqblu u jikkuntrastaw permezz ta' logħob divertenti, sfidi kreattivi u esperimenti ta' gost. Bl-użu ta' diversi approċċi, il-parteċipanti jiskopru t-teorija tal-kulur fl-azzjoni, eżattament bħalma jagħmlu l-artisti u x-xjenzati!

RABTIET MAL-KISBIET MIT-TAGĦLIM FORMALI

Colour Splash isaħħaħ it-tagħlim relatat mad-dawl, il-kuluri, il-materjali u l-osservazzjoni. L-istudenti jużaw is-sensi tagħhom biex jinvestigaw, iqabblu, jikklassifikaw u jiddeskrivu l-kuluri u l-materjali, filwaqt li jiżviluppaw ħiliet ta' tbassir u komunikazzjoni.

LOs:

PRIMARY SCIENCE Y3


3.1.1 | 3.1.3 | 3.1.4 | 3.1.6 | 3.1.7 | 3.1.12 | 3.1.13 | 3.4.7 | 3.6.1 | 3.6.2 | 3.7.1

PRIMARY SCIENCE GUIDELINES Y2

PLAY AND CONSTRUCTION ACTIVITIES

INQUIRY PROCESS

EXPLORATION | INVESTIGATION | ASSESS | EVALUATE | COMMUNICATE



MAKER MISSIONS

WORKSHOP PRATTIKU | **GĦAR-RABA' SENA SAS-SITT SENA** | **60 MINUTA** | **MASSIMA TA' 25 PERSUNA**

Bl-immaġinazzjoni, il-ħidma f'tim u ftit materjali sempliċi, l-istudenti jistgħu joħolqu kważi kollox. Fis-sensiela ta' workshops prattiċi *Maker Missions*, il-gruppi jiddisinjaw, jibnu, jittestjaw u jtejbu l-kreazzjonijiet tagħhom filwaqt li jsolvu sfida prattika.

RABTIET MAL-KISBIET MIT-TAGĦLIM FORMALI

Maker Missions isaħħaħ id-disinn fl-inġinerija, il-kreattività, is-soluzzjoni ta' problemi u l-investigazzjoni xjentifika. L-istudenti jiddisinjaw, jibnu, jittestjaw u jtejbu mudelli filwaqt li jesploraw l-istrutturi, il-moviment, il-materjali, il-forzi, it-trasferiment tal-enerġija u sfidi ta' inġinerija tal-ħajja reali. L-attivitajiet jippromwovu wkoll il-kollaborazzjoni, il-komunikazzjoni, il-ħiliet prattiċi u t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza.

LOs:

PRIMARY SCIENCE Y4

4.1.1 - 4.1.13 | 4.5.4 | 4.6.4 | 4.8.1 | 4.8.2 | 4.9.1 | 4.9.3

PRIMARY SCIENCE Y5

5.1.1 - 5.1.16 | 5.5.1 | 5.5.2 | 5.6.1

PRIMARY SCIENCE Y6

6.1.1 - 6.1.9 | 6.1.11 - 6.1.16 | 6.8.1 - 6.8.4

CHEMCURIOUS

WORKSHOP PRATTIKU | **GĦAR-RABA' SENA SAS-SITT SENA** | **60 MINUTA** | **MASSIMA TA' 25 PERSUNA**

Ħallat, esperimenta u skopri! L-istudenti jxammru l-kmiem u jipparteċipaw f'esperimenti prattiċi li jesploraw kif materjali u sustanzi differenti jaġixxu meta jitħalltu, jinbidlu jew jiġu kkombinati.

RABTIET MAL-KISBIET MIT-TAGĦLIM FORMALI

ChemCurious isaħħaħ it-tagħlim dwar il-materjali, it-taħlitiet u l-bidliet osservabbli. L-istudenti jistaqsu mistoqsijiet, jagħmlu tbassir, iqabblu sustanzi, josservaw bidliet fiżiċi u kimiċi, u jispjegaw is-sejbiet tagħhom bl-użu ta' vokabularju xjentifiku sempliċi.

LOs:

PRIMARY SCIENCE Y4 — 4.1.1 - 4.1.13 | 4.4.3 | 4.5.4 | 4.6.1 - 4.6.4

PRIMARY SCIENCE Y5 — 5.1.1 - 5.1.16 | 5.6.2 - 5.6.6

PRIMARY SCIENCE Y6 — 6.1.1 - 6.1.16 | 6.5.3 - 6.5.5 | 6.6.1 - 6.6.4

UNLOCKING STEAM

WORKSHOP PRATTIKU | **GĦAS-SEBA' SENA U AKBAR** | **60 MINUTA** | **MASSIMU TA' 25 PERSUNA**

Unlocking STEAM hija għażla ta' workshops ispirati mill-kunċett ta' escape room marbuta mal-Kimika, il-Farmaċija u l-Intelliġenza Artifiċjali. L-istudenti jaħdmu flimkien biex isolvu puzzles b'tema partikolari, jaqtgħu kodiċijiet u jiskopru ħjiliet, u dan kollu mingħajr ma jkunu fiżikament magħluqin f'kamra.

RABTIET MAL-KISBIET MIT-TAGĦLIM FORMALI

Unlocking STEAM issaħħaħ it-tagħlim interdixxiplinari ta' STEAM permezz tal-ħidma f'tim, il-ħsieb kritiku u s-soluzzjoni ta' problemi. L-istudenti japplikaw l-investigazzjoni xjentifika, l-immaniġġjar tad-data, il-komunikazzjoni u r-raġunament ibbażat fuq sitwazzjonijiet reali, filwaqt li jesploraw suġġetti STEAM tal-futur.


LOs:

ARA PAĠNI 22–25 GĦAL AKTAR DETTALJI DWAR KULL GĦAŻLA DISPONIBBLI.

Għal aktar dettalji dwar l-attivitajiet imsemmija hawn fuq, mistoqsijiet dwar l-outreach u l-prezzijiet, l-iskejjel huma mistiedna jikkuntattjaw lill-Outreach Team ta' Esplora fuq:

EMAIL: outreach.esplora@gov.mt

TELEFOWN: 23602115 / 23602235



ESPERJENZA TA' TEAMBUILDING F'ESPLORA

GĦALL-ISTUDENTI TA' YEAR 10 'IL FUQ U L-EDUKATURI

Saħħaħ il-ħiliet tal-ħidma f'tim, il-komunikazzjoni, il-kollaborazzjoni u s-soluzzjoni ta' problemi permezz ta' esperjenza unika u divertenti fiċ-Ċentru Interattiv tax-Xjenza Esplora. Imfassal għall-istudenti minn Year 10 'il fuq, kif ukoll għall-edukaturi, timijiet korporattivi u gruppi oħra ta' adulti, dan il-programm juża sfidi ispirati mix-xjenza u attivitajiet interattivi biex iħeġġeġ lill-parteċipanti jaħdmu flimkien, jaħsbu b'mod kreattiv u jiżviluppaw dinamika ta' tim effettiva.


Il-parteċipanti jistgħu jagħżlu minn firxa ta' workshops prattiċi, wirjiet tax-xjenza u sfidi ta' timijiet, ikkumplimentati minn esperjenza immersiva fil-Planetarium. Kemm jekk l-għan hu li jissaħħu r-relazzjonijiet ta' ħidma, jiġu żviluppati l-ħiliet ta' tmexxija u komunikazzjoni, titrawwem il-fiduċja, jew sempliċement titgawda esperjenza memorabbli flimkien, l-attivitajiet tagħna joffru ambjent pjaċevoli u siewi fejn it-timijiet jistgħu jitgħallmu u jikbru flimkien.

L-ESPERJENZA TINKLUDI:

Attività waħda tal-għażla tiegħek minn dawn li ġejjin:

- Wirja tax-xjenza (45–60 minuta);
- Science quest (60–90 minuta);
- Workshops prattiċi (60 minuta);
  - Unlocking Workshop (massimu ta' 6 gruppi ta' 4)
  - 3,2,1, Lift-off!
  - Egg-Drop Challenge
  - Chain Reaction
  - Roller Coaster Challenge

+ Film tal-Planetarium (sa 45 minuta)



PREZZIJIET:

€10.00 /għal kull student.

€20.00 /għal kull grupp ta' edukaturi.

€2.00 /attività addizzjonali għal kull persuna

Pakketti ta' catering u esperjenzi addizzjonali, huma disponibbli biex l-attività tkun tista' tiġi mfassla skont il-ħtiġijiet tal-grupp tiegħek. Kemm jekk għal belgħa kafè, u xi ħaġa ħafifa jew ikla sħiħa, nistgħu noffru soluzzjoni adattata.

Għal aktar informazzjoni, disponibbiltà u bookings, ġentilment ikkuntattjana fuq l-email eduevents.esplora@gov.mt

IL-KARD TA' SĦUBIJA GĦALL-EDUKATURI TA' ESPLORA

Saħħaħ it-tagħlim lil hinn miż-żjara tal-iskola bil-Kard ta' Sħubija għall-Edukaturi ta' Esplora.

Għal ħlas annwali ta' sħubija ta' €30, l-edukaturi eliġibbli jistgħu jgawdu żjarat bla limitu lejn Esplora, inkluż aċċess għall-edukatur u sa tliet mistednin. Is-sħubija tista' tintuża wkoll matul avvenimenti tematiċi u tinkludi esperjenzi ta' Esplora bħall-Planetarium, il-workshops, il-wirjiet tax-xjenza u l-Luzzu Experience.



Din is-sħubija hija disponibbli għall-edukaturi eliġibbli li jistgħu jipprovdu prova uffiċjali tal-professjoni tagħhom.

Biex tapplika, żur ir-Reception ta' Esplora u ppreżenta d-dokumentazzjoni meħtieġa.

Għad-dettalji sħaħ, il-kriterji ta' eliġibbiltà, u t-termini u l-kundizzjonijiet, żur il-website ta' Esplora.

esplorashop

L-Esplora Shop joffri firxa wiesgħa ta' prodotti edukattivi interessanti għal dilettanti tax-xjenza ta' kull età. Noffru għażla kbira ta' kotba u varjetà ta' kits xjentifiċi, u l-edukaturi kollha jibbenefikaw minn skont ta' 10% biex jgħinhom isaħħu l-esperjenza tat-tagħlim fil-klassi.

DAWN LI ĠEJJIN HUMA XI WĦUD MID-DITTI DISPONIBBLI FL-ESPLORA SHOP:

Buki France · PLUS PLUS · CURISCOPE

4D MASTER® · 4D VISION™ VEHICLES CUTAWAY MODEL · LEGO education

(skont ta' 30% fuq prodotti magħżula)

L-offerti ma jistgħux jintużaw flimkien ma' offerti oħra.



esplora®

ESPLORA INTERACTIVE SCIENCE CENTRE

Villa Bighi
Dawret Fra Giovanni Bichi
Kalkara, KKR 1320
23602300

